



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-0301/2017**

26.4.2017

# PROPOSTA GĦAL ATT TAL- UNJONI

imressqa skont l-Artikolu 46(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar differenzi fid-dikjarazzjonijiet, il-kompożizzjoni u t-togħma ta' prodotti fis-swieq ċentrali/tal-Lvant u tal-Punent tal-UE

**Dubravka Šuica (PPE), György Hölvényi (PPE), Miroslav Mikolášik (PPE), Inese Vaidere (PPE), Renate Sommer (PPE), Michaela Šojdrová (PPE), Nicola Caputo (S&D), Biljana Borzan (S&D), Jana Žitňanská (ECR), Ivo Vajgl (ALDE)**

**Proposta għal Att tal-Unjoni dwar differenzi fid-dikjarazzjonijiet, il-kompożizzjoni u t-togħma ta' prodotti fis-swieq ċentrali/tal-Lvant u tal-Punent tal-UE**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 46(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, waqt it-3 524 laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd li saret fi Brussell fis-6 ta' Marzu 2017 dwar il-kwalità doppja tal-prodotti alimentari, il-Kummissjoni ntalbet "tikksidra azzjoni xierqa, inkluża leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE";
- B. billi studji kkonfermaw li hemm differenzi fil-kompożizzjoni u l-kwalità ta' prodotti mibjugħa b'imballaġġ identiku u ta' marka identika fis-swieq ċentrali/tal-Lvant u tal-Punent fl-UE;
- C. billi ħafna prodotti mibjugħa fl-Istati Membri ċentrali/tal-Lvant fihom ingredjenti ta' kwalità aktar baxxa mill-prodotti ta' marka identika mibjugħa fis-swieq tal-Punent tal-UE; billi xi studji jindikaw li sa nofs il-prodotti juru differenzi li għandhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità tagħhom, bħal proporzjon oġġla ta' xaħmijiet, proporzjon aktar baxxa ta' laħam, għadd akbar ta' edulkoranti u preservattivi sintetiċi, kif ukoll anqas piż;
- D. billi dawn id-differenzi nstabu f'firxa wiesgħa ta' prodotti – minn ikel u prodotti għall-indafa personali għal deterġenti u diżinfettanti – li jkunu ta' kwalità inferjuri u li xi drabi jinbigħu bi prezz oġġla meta mqabbla ma' prodotti identiċi mibjugħa fil-parti tal-Punent tas-suq tal-UE;
- E. billi l-kumpaniji jiddifferenzjaw il-prodotti skont is-swieq; billi mhuwiex aċċettabbli, madankollu, li jkun hemm differenzi fil-kwalità tal-ingredjenti bażiċi, b'mod li, konsegwentement, iqarraq bil-konsumaturi;
1. Jitlob li l-Kummissjoni tressaq, sat-30 ta' Settembru 2017, abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att li jirrevedi l-leġiżlazzjoni tal-UE, bil-għan li jtemm tali prattiki ta' frammentazzjoni tas-suq u jipproteġi lill-konsumaturi permezz tal-eliminazzjoni ta' standards doppji fil-kwalità tal-prodotti mibjugħa fl-Ewropa Ċentrali/tal-Lvant u tal-Punent.

---

<sup>1</sup> ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fid-dritt tal-Unjoni llum m'hemm l-ebda dispożizzjoni li tistabilixxi protezzjoni għall-konsumaturi rigward il-kwalità ta' prodotti mibjugħa b'imballaġġ identiku u ta' marka identika fi ħdan is-suq intern.

Spiss jiġri li prodotti/oġġetti tal-ikel ta' marka mibjugħa fi Stati Membri differenti jidhru l-istess, iżda jkunu differenti minn xulxin f'dak li jirrigwarda l-kontenut tagħhom, filwaqt li l-verżjonijiet mibjugħa fi Stati Membri ċentrali u tal-Lvant spiss ikunu ta' kwalità inferjuri.

Il-kwistjoni ċentrali hawnhekk hija dik ta' standards ta' kwalità differenti f'dak li jirrigwarda l-kompożizzjoni tal-ingredjenti bażiċi ta' prodott ta' marka.

L-eliminazzjoni ta' dawn l-istandards doppji fis-suq intern, u l-impożizzjoni ta' obbligu li l-kumpaniji jbigħu prodotti identiċi ta' marka madwar l-UE kollha kemm hi, jirrikjedu li l-Unjoni tirrevedi l-leġislazzjoni tagħha u tintroduċi regolazzjoni aktar stretta.

Il-Kummissjoni għandha tiggarrantixxi l-protezzjoni tal-konsumatur u tikkumbatti l-istandards doppji, billi tniedi azzjoni leġislattiva kontra din id-distorsjoni inġusta fis-suq intern permezz ta' att tal-Unjoni li jirrevedi l-leġislazzjoni eżistenti tal-UE biex itemm tali Prattiki u frammentazzjoni tas-suq.